MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2009

Citazzjoni Numru. 1692/2000/1

Public Broadcasting Services Limited
vs
Awtorita` tax-Xandir

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni tas-socjeta` attrici li biha ippremettiet:

Illi s-soċjeta` attriċi hija responsabbli għax-xandir fuq l-istazzjoni tat-televizjoni TVM;

Illi b'deċizjoni mogħtija fit-13 ta' Lulju 2000 l-Awtorita` tax-Xandir iddeċidiet illi l-programm Pjazza 3 tal-21 ta' Marzu 2000 kiser id-disposizzjonijiet dwar gosti tajba u deċenza (artikolu 13(2)(a) tal-Kapitolu 350 tal-Liġijiet ta' Malta) u immultat lil PBS Ltd is-somma ta' sitt mitt lira (Lm600) pagabbli fi żmien xahar, u ordnat li silta ta' din id-deċizjoni għandha tinqara waqt l-aħbarijiet ta' TVM;

Illi l-Awtorita’ tax-Xandir

- naqset li toħrog avviz ta’ akkuza a tenur tas-subinċiz (5) ta’ l-artikolu 41 tal-Kap. 350,

- naqset li tinforma lis-soċjeta` attriċi li kienet qed tiġi indagata u akkużata (subinċiz (8) ta’ l-art. 41) dwar il-kommissjoni ta’ offiża amministrattiva u li l-Awtorita` kienet qegħda tikkontempla li timponi penali amministrattiva jew xi forma oħra ta’ kastig fuq PBS Ltd, u

- naqset ukoll li tinformaha dwar id-dritt tagħha li tkun assistita minn avukat jew prokuratur legali skond il-Kostituzzjoni u l-Kap. 319, u

- naqset ukoll li tinformaha bid-dritt tagħha li tressaq xhieda biex tiddefendi ruħha;

Illi fil-konsiderazzjoni tal-każ, l-Awtorita` straħet fuq dikjarazzjonijiet bil-miktub ta’ persuna li ma ġietx imsejħa biex tixhed u għalhekk is-soċjeta` attriċi ma ngħatatx l-opportunita` li tagħmel kontroeżami tax-xhieda;

Illi, fl-assenza ta’ uffiċjal prosekutur f’dawn il-proċeduri, li essenzjalment jammontaw għal proċeduri ta’ dixxiplina, l-Awtorita` tax-Xandir aġixxiet bħala prosekutur u ġudikant fl-istess waqt u ħin, u b’hekk lanqas kellha l-apparenza ta’ indipendenza u imparzjalita` fir-rigward tal-meritu tal-każ. Inoltre, kien id-Dipartiment tal-*Monitoring* ta’ l-istess Awtorita` li ippromwova dawn il-proċeduri li wasslu għal sejbien ta’ ħtija ta’ offiża amministrattiva u kastig taħt il-Kap 350. Inoltre, f’ittra datata 1 ta’ Ġunju 2000 iċ-*Chief Executive* ta’ l-Awtorita` esprima l-fehma ta’ l-istess Awtorita` illi “L-Awtorita` ikkunsidrat .... (ir-risposta ta’ PBS Ltd) kif ukoll dik annessa magħha mis-Sur Lou Bondi izda l-Awtorita` mhix sodisfatta bir-risposta”, u dan qabel is-seduta li iffissat l-Awtorita` biex tisma’ l-każ u qabel ma l-Awtorita` għamlet id-deliberazzjoni finali. Inoltre, uħud mill-membri komponenti l-Awtorita` tax-Xandir effettivament ċanfru lil PBS Ltd verbalment matul is-seduta tal-5 ta’ Lulju 2000;

Illi konsegwentement, l-Awtorita` tax-Xandir naqset li tagħti lis-soċjeta` attriċi PBS Limited smigħ xieraq, u dan bi vjolazzjoni ta' l-artikolu 41(3) tal-Kap 350;

Illi l-għemil ta' l-Awtorita` huwa *ultra vires* peress illi naqset milli tosserva n-neċessitajiet proċedurali mandatorji imposti mill-Kostituzzjoni u mill-Kap. 319 kemm fit-twettiq ta' l-għemil amministrattiv kif ukoll fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-għemil;

Illi fil-każ tas-sensiela "Tajjeb li tkun taf" ta' Manwel Cuschieri mxandra fuq l-istazzjon *One Radio & Television*, l-Awtorita` tax-Xandir imponiet multa ferm izgħar wara li irriskontrat abbuzi serji u ripetuti fil-kontenut tal-programm, u għalhekk fil-każ ta' PBS Limited l-Awtorita` tax-Xandir aġixxiet b'mod diskriminatorju;

Illi, għalhekk, l-għemil ta' l-Awtorita` jammonta wkoll għal ksur tal-Kostituzzjoni u tal-Kap. 319 dwar il-Konvenzjoni Ewropea, senjatament id-dritt għal smigħ xieraq minn awtorita` ġudikanti indipendenti u imparzjali (Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u Artikolu 6 ta' l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319) u d-dritt għall-protezzjoni minn diskriminazzjoni (Artikolu 14 ta' l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319) u d-dritt għal-liberta` ta' espressjoni (Artikolu 10 ta' l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319);

Illi s-soċjeta` attriċi qed tistitwixxi dawn il-proċeduri fil-Qorti a tenur ta' l-artikolu 41(6) tal-Kap. 350 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll a tenur ta' l-artikolu 496A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, biex il-każ jiġi mistħarreg ġudizzjarjament (*judicial review*);

Għalhekk is-soċjeta` attriċi talbet lil din il-Qorti għaliex m'għandhiex għar-raġunijiet premsssi:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-Awtorita` tax-Xandir naqset li tagħti lis-soċjeta` attriċi PBS *Limited* smigħ xieraq, u dan bi vjolazzjoni ta' l-artikolu 41(3) tal-Kap. 350;

2. Tiddikjara u tiddeċiedi l-għemil ta' l-Awtorita` huwa *ultra vires* peress illi naqset milli tosserva n-

neċessitajiet proċedurali mandatorji imposti mill-Kostituzzjoni u mill-Kap. 319 kemm fit-twettiq ta' l-għemil amministrattiv kif ukoll fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-għemil;

3. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-għemil ta' l-Awtorita` jammonta wkoll għal ksur tal-Kostituzzjoni u tal-Kap. 319 dwar il-Konvenzjoni Ewropea, li jagħti lok għall-ħlas ta' kumpens xieraq, senjatament;

- id-dritt għal smigħ xieraq minn awtorita` ġudikanti indipendenti u imparzjali (Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u Artikolu 6 ta' l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319);
- id-dritt għall-protezzjoni minn diskriminazzjoni (Artikolu 14 ta' l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319); u
- id-dritt għal-liberta` ta' espressjoni (Artikolu 10 ta' l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319);

4. Tordna lill-Awtorita' konvenuta biex fi żmien qasir u perentorju li jiġi iffissat, trodd lura lis-soċjeta` attriċi s-somma ta' sitt mitt lira (Lm600) mħallsa minnha lill-Awtorita` konvenuta bħala multa amministrattiva in ottemperanza mal-imsemmija deċizjoni ta' l-Awtorita` mogħtija fit-13 ta' Lulju 2000;

5. Tordna l-ħlas ta' kumpens xieraq lis-soċjeta` attriċi għall-ksur tal-Kostituzzjoni u tal-Kap. 319;

Bl-ispejjeż, inkluzi dawk tal-Protest tal-31 ta' Lulju 2000, kontra l-Awtorita` konvenuta, li giet inġunta għas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mis-socjeta` attrici.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta li biha eccepiet:

1. Fl-ewwel lok, in-nullita` taċ-ċitazzjoni stante li l-Aġent *Chief Executive* tal-*Public Broadcasting Services*

m'għandux il-personalita` ġuridika neċessarja sabiex jaġixxi f'isem is-soċjeta` attriċi;

2. Fit-tieni lok, in-nullita' taċ-ċitazzjoni in kwantu il-kawża hija ntavolata ħażin peress li din l-Onorabbli Qorti mhix kompetenti biex tisma' lanjanzi ta' natura kostituzzjonali u dwar il-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem sakemm tali proċedura ma ssirx b'rikors u dan skond is- subartikolu (2) l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, l- artikolu 4 tal-Kap 319 u r-regoli dwar il-Prattika u l-Proċedura tal-Qorti (Avviż Legali 35 tal-1993);

3. Fit-tielet lok, in-nullita' taċ-ċitazzjoni peress li s-soċjeta' attriċi ma eżawrixxietx ir-rimedji ordinarji tagħha qabel ma istiwiet proċeduri taħt il-Kostituzzjoni u taħt l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea;

4. Fir-raba' lok, in-nullita' taċ-ċitazzjoni stante li d-difetti imsemmija fit-tieni u fit-tielet paragrafi ta' din in-nota mhumiex sanabbli skond il-liġi peress li jaffettwa s-sustanza tad-difiża tal-awtorita' konvenuta u anke jaffettwa l-proċeduri ta' appell u ċioe' dwar liema għandha tkun il-qorti kompetenti għall-fini ta' appell;

5. Fil-ħames lok, in-nullita' taċ-ċitazzjoni stante li l-Awtorita' tax-Xandir m'għandiex ir-rappreżentanza tal-Gvern ta' Malta u stante li l-lanjanza hija waħda dwar drittijiet tal-bniedem l-azzjoni trid tiġi proposta kontra l-Gvern ta' Malta u mhux kontra l-Awtorita' tax-Xandir;

6. Fis-sitt lok, in-nullita' taċ-ċitazzjoni stante li l-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Kapitlu 319 tal-Liġijiet ta' Malta ma japplikawx fil-każ ta' *judicial review of administrative action* in kwantu dawn jitrattaw dwar id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-bniedem. Jekk is-soċjeta' attriiċi trid tipproċedi skond il-Kostituzzjoni u l-Kap. 319 hija għandha tagħmel dan skond il-proċedura elenkata fil-liġijiet imsemmija fil-paragrafu 2 ta' din in-nota ta' eċċezzjonijiet. Terġa' dawn il-liġijiet mhumiex applikabbli għal proċeduri ta' *judicial review* in kwantu l-proċeduri quddiem l-Awtorita' tax-Xandir huma ta' natura

amministrattiva li la jinvolvu *"the determination of civil rights and obligations"* u lanqas m'huma ta' natura penali;

7. Fis-seba' lok, in-nullita taċ-ċitazzjoni stante li l-artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili ma japplikax għall-proċeduri de quo, in kwantu l-azzjoni ta' *judicial review* trid issir skond is-subartikolu (6) ta' l-artikolu 41 ta' l-Att dwar ix-Xandir li hi *lex specialis* u dan in konformita' mal-prinċipju *lex specialis derogat lex generalis* u in konformita' wkoll mas-subartikolu (4) ta' l-artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

8. Fis-seba' lok, it-talba attriċi hija infondata fil-fatt u fid-dritt, stante d-deċiżjoni ta' l-Awtorita' tax-Xandir in kwistjoni hija waħda fil-limiti tal-poteri mogħtija lilha skond l-Att dwar ix-Xandir;

9. Fit-tmien lok, l-Awtorita' qatt ma setgħet timxi ma' l- artikolu 41 tal-Kap 350 kif qed tippretendi s-soċjeta' attriċi peress li meta kienu mexjin il-proċeduri de quo lanqas biss kienu għaddew mill-Parlament l-emendi għall-Att dwar ix-Xandir, inkluż l-istess artikolu 41 li ġie introdott bl-Att Numru XV ta' l-2000, u wisq anqas kienu ġew fis-seħħ ħlief lejliet il-ġurnata meta ttieħed id-deċiżjoni. Meta l-artikolu 41 tal-Att dwar ix-Xandir għadda mill-Parlament permezz ta' l-Att Numru XV ta' l-2000 u ġie fis-seħħ fil-11 ta' Lulju 2000 skond l-Avviż Legali 123 ta' l-2000, il-proċeduri kienu ġa ħadu l-kors tagħhom u l-artikolu 41 mhux wieħed li kellu jiġi applikat b'mod retroattiv;

10. Fid-disa' lok, mhux minnu li l-istazzjon ma ngħatax smiegħ xieraq. L-istazzjon ingħata kull opportunita' li jagħmel il-każ tiegħu;

11. Fl-għaxar lok, mhux minnu li l-Awtorita' aġixxiet b'mod diskriminatorju u, f'kull każ, tali lanjanza mhix waħda li tista' tiġi nvestigata minn din l-Onorabbli Qorti f'proċeduri li allegatament qed jiġu istitwiti skond l-artikolu 41(6) tal-Kap 350 u l-artikolu 469A tal-Kap 12. La l-artikolu 41(6) u lanqas l-artikolu 469A fuq ċitati ma jipprovdu għal *judicial review of administrative action* fuq

bażi ta’ diskriminazzjoni. Tali tip ta’ rimedju jista’ jingħata biss taħt l-artikolu relevanti tal-Kostituzzjoni u taħt il-Kap 319;

12. Fil-ħdax-il lok, l-Awtorita’ qatt ma aġixxiet ta’ prosekutur u ta’ ġudikant fl-istess ħin peress li hawn si tratta ta’ proċeduri amministrativi u mhux ta’ proċeduri penali u li, f’kull każ, il-proċeduri tmexxew miċ-Chief Executive ta’ l-Awtorita’ kontra l-istazzjon PBS Ltd;

13. Fit-tnax-il lok, l-Awtorita’, qabel ma ħadet id-deċiżjoni tagħha, semgħet kemm iċ-Ċhief Executive tagħha stess li ressaq il-każ quddiemha kif ukoll is-sottomissjonijiet ta’ PBS Ltd. Is-Sur Andrew Psaila, Aġent Chief Executive ta’ PBS Ltd, attenda għal żewġ seduti ta’ l-Awtorita’ fejn ġie diskuss il-każ u ngħata wkoll kull opportunita’ li jressaq il-każ f’isem l-istazzjon kif ukoll il-provi kollha li dehrlu opportun fiċ-ċirkostanzi;

14. Illi għalhekk id-deċiżjoni ta’ l-Awtorita’ hija waħda proporzjonata u fil-parametri tal-liġi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-awtorita` konvenuta.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat id-dikjarazzjoni tas-Sur Andrew Psaila, *Acting Chief Executive* mas-socjeta` attrici.

Xehed Andrew Psaila *Chief Executive* mal-*Public Broadcasting Services Limited* u qal li meta ipprezenta din ic-citazzjoni kien ghadu *Acting Chief Executive*. Qal li d-dikjarazzjoni prezentata mac-citazzjoni kien ipprezentaha hu. Hu m’ghandux kariga ta’ Direttur fil-PBS *Limited* izda

ghandu hatra specifika mill-Bord tad-Diretturi tas-socjeta` *Public Broadcasting Services Limited* biex jirrapprezentaha f'din il-kawza. Esebixxa l-korrispondenza li ghaddiet bejn l-Awtorita`, il-*producer* tal-programm u l-PBS dwar dan il-kaz.

Gie prezentat affidavit ta' Andrew Psaila li fih issemma li fil-21 ta' Marzu 2000 l-istazzjon tal-*Public Broadcasting Services Limited* xandar il-Programm Pjazza 3 prezentat minn Lou Bondi. Kompla jghid li PBS *Limited* ma rcieva l-ebda avviz ta' akkuza a tenur tas-subinciz (5) ta' l-artikolu 41 tal-Kap 350 jew li kienet qed tigi investigata u akkuzata dwar il-kommissjoni ta' offiza amministrattiva u li l-Awtorita` kienet qed tikkontempla li timponi penali amministrattiva jew xi forma ohra ta' kastig fuq PBS Ltd. Qal li ma kienx gie infurmat li hu bhala *Acting Chief Executive* ta' PBS Ltd. kellu d-dritt li jkun assistist minn avukat jew prokuratur legali u anqas dwar id-dritt ta' produzzjoni ta' xiehda. Esebixxa ittri li kien ircieva minghand ic-Chief Executive ta' l-Awtorita` tax-Xandir. Qal li waqt il-laqgha tal-5 ta' Lulju, 2000 hu ghan-nom ta' PBS Ltd u l-istazzjon TVM kien gie mcanfar minn uhud mill-membri ta' l-Awtorita` tax-Xandir. Fit-13 ta' Lulju 2000 l-Awtorita` tax-Xandir kienet iddecidiet li l-programm Pjazza 3 tal-21 ta' Marzu 2000 kien kiser id-dispozizzjonijiet dwar gosti tajba u decenza (art. 13(2) tal-Kap 350) u PBS Ltd. giet immultata Lm600 pagabbli fi zmien xahar u ordnat li silta tad-decizjoni tinqara waqt l-ahbarijiet ta' TVM.

Gie prezentat affidavit ta' Dr. Kevin Aquilina li fih issemma li mhux possibli li tigi esebita kopja ta' l-avviz mibghut lis-socjeta` attrici a tenur tas-subinciz (5) ta' l-artikolu 41 tal-Kap. 350 ghax l-artikolu in kwistjoni sar ligi ferm wara li l-Awtorita` kienet qed tistharreg il-kaz. Is-subinciz (5) gie fis-sehh fil-11 ta' Lulju 2000, waqt li l-Att XV ta' l-2000 gie fis-sehh fil-11 ta' Lulju 2000. L-Att XV ta' l-2000 fost emendi ohra ghall-Att Dwar ix-Xandir, introduca l-artikolu 41 gdid fl-Att Dwar ix-Xandir. L-artikolu 41 ma kellux effett retroattiv u anqas ma kien fih klawsola ta' natura transitorja u ghalhekk meta l-Awtorita` hadet id-decizjoni taghha fit-12 ta' Lulju 2000, l-artikolu 41 kien ghadu kif

dahal fis-sehh fil-gurnata ta’ qabel u cioe` fil-11 ta’ Lulju 2000. Qal li ma infurmax lic-*Chief Executive* tas-socjeta` attrici dwar id-dritt li tkun assistita minn avukat jew prokuratur legali ghax l-artikolu 41 ma kienx ghadu gie fis-sehh meta beda jigi investigat il-kaz u apparti minn dan fil-passat qatt ma kien hemm obbligu legali f’dan is-sens. Kompla jghid li c-*Chief Executive* tal-PBS Ltd. ressaq il-provi tieghu quddiem l-Awtorita` waqt is-seduta tal-5 ta’ Lulju 2000. Sostna li apparti minn hekk l-istazzjon inghata wkoll kull opportunita` li jressaq, kif fil-fatt ghamel, il-provi tieghu dokumentarji.

Qal li l-kazijiet dwar *monitoring* ta’ programmi jitressqu mic-*Chief Executive* ta’ l-Awtorita`. Il-kaz dwar Pjazza 3 tressaq quddiem l-Awtorita` permezz ta’ *memorandum* tac-*Chief Executive*. Il-kaz ma giex trattat f’seduta wahda. Il-kaz instema’ mill-Awtorita` tax-Xandir u kienet l-istess Awtorita` tax-Xandir li iddecidiet il-kaz. Il-membri ta’ l-Awtorita` jinhatru skond l-Artikolu 118 tal-Kostituzzjoni. Attwalment, l-Awtorita` hija komposta minn *chairman* u erba’ membri u ghandha s-segretarju taghha. Ic-*Chief Executive* mhux membru ta’ l-Awtorita` u m’ghandux dritt ta’ vot.

Id-decizjoni ta’ l-Awtorita` li a bazi taghha giet imposta l-penali amministrattiva tinsab f’Dok KA14. Din giet stabbilita skond l-Att Dwar ix-Xandir. Ix-xhud kien jattendi ghal-laqghat kollha ta’ l-Awtorita` izda m’ghandux dritt li jivvota. Fil-kaz in kwistjoni ma ftakarx jekk kienx prezenti l-hin kollu meta l-Awtorita` hadet id-decizjoni taghha peress li meta l-Awtorita` tiddelibera hu normalment jiehu l-opportunita` biex jillarga mill-*Board Room* u jmur fl-ufficju jaghmel xi xoghol iehor, u mbaghad wara jsejjahlu s-Segretarju biex jerga’ jattendi ghall-kumplament tal-laqgha jew minn hin ghall-iehor jidhol fil-*Board Room* biex jara f’hiex ikunu waslu. Kompla jghid li llum il-gurnata l-pozizzjoni hija ghal kollox differenti ghax bil-ligi c-*Chief Executive* irid jitlaq ’il barra mis-seduta meta l-Awtorita` tiddelibera u jidhol wara li l-Awtorita` tkun iddecidiet l-offiza amministrattiva.

Ix-xhud ma hax parti fid-diskussjoni waqt id-deliberazzjonijiet, izda d-decizjoni haditha l-Awtorita`. Ma kienx jidher li l-Awtorita` hadet xi decizjoni fis-seduta tal-5 ta' Lulju 2000 li ccanfar lill-istazzjon jew lir-rapprezentant li deher f'isem l-istazzjon waqt dik is-seduta. Qal li mid-decizjonijiet ta' l-Awtorita` tax-Xandir dwar offizi amministrattivi ma hemmx appell peress li d-decizjoni hija finali, izda l-istazzjon jista' dejjem jirrikorri ghal stharrig gudizzjarju skond l-artikolu 469A tal-Kodici ta' l-Organizzazjoni u Proceduri Civili.

Gie prezentat affidavit iehor ta' Dr. Kevin Aquilina li fih inghad li hu ma hassx li l-Awtorita` kellha tapplika l-ligi aktar favorevoli ghall-istazzjon peress li l-avviz ta' bidu fis-sehh ta' l-emendi ghall-Att Dwar ix-Xandir gie pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern lejlet qabel ma l-Awtorita` hadet id-decizjoni taghha u ghalhekk l-Awtorita` kienet marbuta bil-ligi li tapplika d-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 41 tal-Att Dwar ix-Xandir u l-Hames Skeda ghall-istess Att, ladarba dawn id-dispozizzjonijiet kienu gew fis-sehh. Kien minnu li l-Awtorita` hadet konjizzjoni ta' dikjarazzjonijiet bil-miktub tad-Direttrici tad-Dipartiment tal-*Curriculum Development* fid-Divizjoni ta' l-Edukazzjoni. Din il-korrispondenza ntbghatet fl-1 ta' Gunju 2002 lill-PBS Ltd. ghall-kummenti taghha. L-Awtorita` fl-ebda stadju ma ezaminat oralment lid-Direttrici tad-Dipartiment tal-*Curriculum Development* u l-istazzjon fl-ebda stadju qatt ma talab il-produzzjoni tad-Direttrici ghall-fini ta' l-ezami taghha. Irrileva li l-Awtorita` mxiet fuq id-dokumenti li kellha quddiemha u li dawn id-dokumenti gew debitament notifikati lill-istazzjon ghall-kummenti tieghu. Kompla jghid li l-penali amministrattiva ta' Lm600 giet stabbilita skond l-artikolu 13(2)(a) ta' l-Att Dwar ix-Xandir u din tinstab riprodotta fil-Hames Skeda ta' l-Att Dwar ix-Xandir li tipprovdi penali ta' wkoll Lm200. L-istess Skeda fil-paragrafu 1 taghha taghti l-fakolta` lill-Awtorita` timponi penali amministrattiva sa massimu ta' Lm5,000. Fil-kaz odjern l-Awtorita` uzat id-diskrezzjoni taghha u imponiet penali amministrattiva fl-ammont ta' Lm600. F'dawn il-proceduri dwar l-impozizzjoni ta' penali amministrattiva, ix-xhud qatt ma jkollu funzjoni ta' ufficjal prosekutur peress li

hawn *si tratta* ta' proceduri amministrattivi u mhux ta' proceduri kriminali.

Qal li l-persuni li jikkomponu d-Dipartiment tal-*Monitoring* ta' l-Awtorita` tax-Xandir huma impjegati ta' l-Awtorita` mahtura skond l-artikolu 9 ta' l-Att Dwar ix-Xandir, Kap 350. Meta fl-1 ta' Gunju 2000, kiteb li l-Awtorita` ma kenitx sodisfatta bir-risposta kien qed jikkomunika dak li kienet talbitu l-istess Awtorita` biex jikkomunika lill-istazzjon halli dan ikollu kull opportunita` li jaghmel sottomissjonijiet ulterjuri bil-miktub qabel ma l-istess Awtorita` talbet lill-istazzjon li jidher quddiemha u jressaq ukoll il-kaz tieghu oralment apparti milli bil-miktub.

L-Awtorita` iddecidiet il-kaz fit-12 ta' Lulju 2000 u mhux fl-1 ta' Gunju 2000. Fl-1 ta' Gunju l-Awtorita` talbet kjarifiki mill-istazzjon dwar id-dokumentazzjoni li kellha quddiemha u wara li l-Awtorita` hadet konjizzjoni tar-risposta tal-*producer* ta' l-istazzjon appuntat il-kaz ghas-smigh wara li l-Awtorita` kellha quddiemha l-korrispondenza kollha tad-Dipartiment tal-*Monitoring*, ta' l-istazzjon u tal-*producer* t' al-istazzjon koncernat.

Qabel it-tibdil fil-ligi introdott fil-11 ta' Lulju 2000 l-Awtorita` tax-Xandir qatt ma kienet awtorizzata li timponi penali amministrattiva skond l-artikolu 41 ta' l-Att Dwar ix-Xandir. Madankollu l-Awtorita` kellha d-dritt skond il-licenzja li timponi sanzjoni pekunjarja fuq dawk l-istazzjonijiet li kienu licenzjati minnha li kisru l-kundizzjonijiet tal-licenzja kif tistipula l-istess licenzja. TVM izda mhux licenzjat mill-Awtorita` u ghalhekk l-Awtorita` ma setghetx timponi sanzjoni pekunjarja skond il-licenzji.

Il-programm "Tajjeb li tkun taf" fuq Super 1 *Radio* qatt ma wehel piena amministrattiva qabel it-12 ta' Lulju 2000 ghax l-artikolu 41 ta' l-Att Dwar ix-Xandir ma kienx fis-sehh.

Rat id-dikjarazzjoni tal-<u>Professur Joseph Pirotta</u> ghall-Awtorita` tax-Xandir fejn iddikjara li l-fatti fl-ewwel zewg paragrafi tad-dikjarazzjoni guramentata mhux kontestati waqt li dawk tal-paragrafi 3 sa 10 huma kollha kontestati.

Semma partijiet li kienu oggezzjonabbli fil-fehma ta’ l-Awtorita`, specjalment meta wiehed iqis li fil-programm ippartecipaw ta’ 12 u 14-il sena.

Xehed Louis sive Lou Bondi li ikkonferma li kien prezentatur kif ukoll *producer* tal-programm “Pjazza 3”. Wiehed minn dawn il-programmi kien ittratta l-edukazzjoni sesswali fl-iskejjel, u kienu ippreparawh flimkien mal-*Health Promotion Unit* u awtoritajiet edukattivi. Ftakar li fl-udjenza kienu stiednu numru ta’ zghazagh ta’ 13, 14-il sena ’l fuq fuq il-*panel*. Kienu ippruvaw jikkuntattjaw ukoll lis-Sur Lawrence Muscat li kien il-persuna inkarigata mill-edukazzjoni sesswali u ta’ sahha fid-Dipartiment ta’ l-Edukazzjoni ghan-*National Curriculum*. L-attentati biex jikkuntattjawh ma tawx rizultat. Waqt il-programm innifsu kienu irreferew lejn *pamphlet* li kien hareg mill-*Health Promotion Unit* li minnu kien inkarigat Dr. Philip Carabott mill-*Health Promotion Unit* innifsu. Kienu nqraw mix-xhud certu siltiet minn dan il-ktejjeb li kellhom x’jaqsmu mal-edukazzjoni sesswali. Kompla jghid li huma qabel tellghu dan il-programm kienu ikkonsultaw mal-*Health Promotion Unit* kif ukoll mal-*head teachers* ta’ l-istudenti li kienu ha jkunu fil-programm. Kienu talbu lill-ghalliema kif ukoll lit-*teachers* ta’ dawn l-iskejjel biex jikkonsultaw mal-genituri tat-tfal rispettivi biex jaraw jekk ghandhomx xi oggezzjoni li dawn it-tfal jippartecipaw fil-programm.

Sostna li huma ma kellhom ebda oggezzjoni la mill-awtoritajiet ta’ l-iskejjel, la mill-ghalliema u anqas mill-genituri, u dan la qabel u anqas wara l-programm. Wara l-programm kienet inqalghet xi oggezzjoni mad-Dipartiment ta’ l-Edukazzjoni. Kienet inkitbet ittra minghalih minn Ms. Mary Vella u kien ukoll ikkuntattja lil Philip Carabott li kien il-persuna inkarigata minn dan il-*pamphlet* li kien lest jikkonferma kemm lill-PBS kif ukoll lill-Awtorita` tax-Xandir li ma kien hemm ebda oggezzjoni li dan il-ktieb jigi mghoddi, moqri, analizzat flimkien ma’ zaghzagh ta’ 14-il sena ’l fuq. Ix-xhud ghamel dan il-punt lill-PBS u qalilhom li jekk huma interessati jghaddu din l-ittra lill-Awtorita` tax-Xandir biex jaraw jekk fil-fatt kienux lesti li jsejhu lil Philip Carabott biex jghid l-istess affarijiet lill-Awtorita` nnifisha. Qa li huma kienu qed jahdmu

flimkien mal-Awtoritajiet tal-*Health Promotion Unit*, mal-awtoritajiet ta' l-iskejjel, il-*headteachers*, kif ukoll mat-*teachers* infushom u ovvjament mat-tfal li kienu ha jkunu fil-programm innifsu.

Sostna li l-*booklet* in kwistjoni gie cirkulat lil zghazagh ta' 14-il sena 'l fuq kif ukoll lil zghazagh li huma izghar minn hekk bil-permess ta' l-ghalliema taghhom. Enfasizza li qatt ma kien hemm oggezzjoni minn ebda awtorita` li jigi diskuss dan il-*pamphlet* partikolari waqt il-programm. Philip Carabott li kien il-persuna responsabbli minn dan il-*pamphlet* kien fuq il-*panel* tal-programm innifsu. Dwar xi proceduri ghamlet l-Awtorita` tax-Xandir kontra PBS *Limited* qal li qatt ma kien involut u lilu hadd ma kien baghat ghalih.

Qal li r-raguni ghaliex ittella' l-programm kien biex jigu indirizzati problemi socjali ta' natura sesswali u ta' edukazzjoni. Eventwalment kien sar jaf bil-multa ta' Lm600 u r-rejazzjoni tieghu kienet li ma setax jemmen kif tista' tigi immultat meta inti qed ittella' xi haga li hija edukattiva.

In kontro-ezami qal li ma kienx jaf jekk l-Awtorita` baghatitx ghall-PBS qabel ma imponiet il-multa. Ma kienx jaf bl-investigazzjonijiet li saru qabel pero` in segwitu kien sar jaf li kienet qed issir investigazzjoni mix-Xandir. Kompla jghid li l-ittra tat-3 ta' Gunju 2000 kien kitibha in segwitu li kien kellmu fuqha s-Sur Andrew Psaila. Qal li hija procedura normali meta l-Awtorita` tax-Xandir tikteb lill-PBS, ic-*Chief Executive* tal-PBS ikellem lil-*producer* tal-programm f'dawn il-linji biex jirrispondi dwarha. Ix-xhud ma kien wehel ebda multa in segwitu ta' din il-procedura.

Qal li meta kien qed jitkellem fuq inqas perikolozita` tas-sess orali mis-sess vaginali kien qed jaqra propju mil-librett ta' Carabott.

Xehed Dr. Tonio Azzopardi bhala konsulent legali ta' PBS *Limited*. L-ewwel punt li xtaq jenfasizza hu li kien hemm bidla fil-ligi proprju ftit granet qabel ma l-kaz gie deciz u li gara kien li qabel kien hemm sistema antika li ma kienet

tirrikjedi xejn aktar minn dak li normalment wiehed jistenna fil-proceduri ta’ dixxiplina, imma mbaghad meta kien hemm il-bidla fil-ligi, kien hemm bidla radikali ghaliex hawnhekk illigi qed tghid li l-Awtorita` ghandha tosserva l-garanzija ta’ smigh xieraq u fil-pubbliku meta hija tiddeciedi jekk persuna hix hatja ta’ offiza amministrattiva skond dan l-artikolu. L-Awtorita` tax-Xandir harget offiza amministrattiva skond is-subinciz 3 u l-kumplament ta’ l-Artikolu 41 u l-ilment li kellu mill-klijenti tieghu kien jirrigwardja l-paragrafu 3 tad-dikjarazzjoni guramentata li ghamel is-Sur Andrew Psaila.

## D. KUNSIDERAZZJONIJIET:

### ***D1. Fatti tal-kaz:***

Fl-ewwel lok ghandu jinghad li l-fatti gew tajjeb imnizzla fil-qosor fis-sentenza tal-21 ta’ Novembu 2002 fejn inghad:
“Fil-21 ta’ Marzu, 2000, ixxandar programm televiżiv mis-sensiela *Pjazza 3*, li ittratta s-suġġett “L-edukazzjoni sesswali”. Din it-trasmissjoni saret mill-istazzjoni immexxi mill-kumpannija attriċi. Minħabba riżervi dwar il-kontenut tal-istess programm, l-Awtorita’ mħarrka kienet ħadet passi kontra l-kumpannija attriċi, wara li ma kinitx soddisfatta bit-tweġibiet li tawha l-istess kumpannija u l-preżentatur tal-programm dwar l-imsemmi programm. Kienet ingħatat data li fiha kellu jsir smigħ dwar il-każ li ġie mfisser f’memorandum mill-Eżekuttiv Ewlieni tal-Awtorita’ datat 22 ta’ Ġunju, 2000, u li hu iffirmat minnu. Għall-kumpannija attriċi waqt l-imsemmi smigħ kien deher Andrew Psaila. Wara li sar dak is-smigħ, l-Awtorita’ tat deċiżjoni tagħha dwar il-każ fit-13 ta’ Lulju, 2000, ħarġet stqarrija għall-Istampa u ordnat lill-kumpannija attriċi taqra siltiet minnha waqt bulettin tal-aħbarijiet dak inhar stess. Fl-istess deċiżjoni, il-kumpannija attriċi twaħħlet multa ta’ sitt mitt lira Maltija, li kellha titħallas fi żmien xahar. Fil-11 t’Awissu, 2000, infetħet din il-kawża;…”

### ***D2. Sentenza preliminari:***

Rat is-sentenza ta’ din il-Qorti presjeduta mill-Onor. Imhallef Dr. Joseph R. Micallef tal-21 ta’ Novembru 2002 li fiha ikkonkludiet:

“Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi dwar l-eċċezzjonijiet preliminari mressqin mill-Awtorita` tax-Xandir billi:

**Tastjeni milli tagħti l-fehma tagħha** dwar l-ewwel, il-ħames u s-seba’ eċċezzjonijiet preliminari, li l-Awtorita’ mħarrka ma baqgħetx tinsisti dwarhom;

**Tiċħad it-tieni, it-tielet, ir-raba’ u s-sitt eċċezzjonijiet** preliminari tal-istess Awtorita’ mħarrka, billi m’humiex imsejsin fil-fatt u fid-dritt, u tgħid għalhekk li l-att taċ-ċitazzjoni mressaq mill-kumpanija attriċi jiswa; …”

***D3. L-ewwel u t-tieni talba tac-citazzjoni:***

Is-socjeta` attrici fl-ewwel talba taghha talbet li l-Qorti tiddkjara tiddeciedi li l-Awtorita` tax-Xandir naqset li taghti lis-socjeta` attrici PBS *Limited* smigh xieraq, u dan bi vjolazzjoni ta’ l-artikolu 41(3) tal-Kap 350. Sekondarjament talbet lill-Qorti biex tiddikjara u tiddeciedi li l-ghemil ta’ l-Awtorita` huwa *ultra vires* peress illi naqset milli tosserva n-necessitajiet procedurali mandatorji imposti mill-Kostituzzjoni u mill-Kap. 319 kemm fit-twettiq ta’ l-ghemil amministrattiv kif ukoll fid-deliberazzjonijiet ta’ qabel dwar dak l-ghemil.

L-Avviz Legali 123 ta’ l-2000 kien stabbilixxa l-11 ta’ Lulju 2000 bhala d-data meta d-dispozizzjonijiet ta’ l-Att XV ta’ l-2000 li kienu jemendaw l-Att Dwar ix-Xandir dahlu fis-sehh. Irrizulta li d-decizjoni ta’ l-Awtorita` tax-Xandir ittiehdet fit-12 ta’ Lulju 2000 u giet notifikata lil PBS l-ghada, fit-13 ta’ Lulju 2000. Ghalhekk jirrizulta car li d-decizjoni ta’ l-Awtorita` ttiehdet l-ghada li dahal fis-sehh l-emendi. L-Awtorita` ssostni li l-proceduri kienu gja hadu l-kors taghhom u semghet lil min kien jidhrilha u kull ma kien ghad jonqos l-ghoti tad-decizjoni. Is-Sur Psaila kien deher quddiem l-Awtorita` u ta l-ispjegazzjonijet tieghu.

Ghandu jinghad li r-rieda tal-legislatur kienet li jgholli l-proceduri ta’ dixxiplina kontra l-istazzjonijiet u dan permezz ta’ l-artikolu 41. Il-legislatur ried jaghti salvagward ta’ smigh xieraq lil dawn il-proceduri. L-artikolu 41(3) tal-Kap 350 jipprovdi:

"L-Awtorita` ghandha tosserva l-garanzija ta' smigh xieraq u fil-pubbliku meta hija tiddeciedi jekk persuna hix hatja ta' offiza amministrattiva skond dan l-artikolu."

Din id-dispozizzjoni kienet giet introdotta permezz ta' l-Att XV ta' l-2000 u dahlet *in vigore* fil-11 ta' Lulju 2000. Ghalhekk id-decizjoni nghatat wara li dahlet *in vigore* d-dispozizzjoni msemmija, u infatti s-socjeta` attrici targumenta li kien hemm *superveniens* u li d-decizjoni kellha tkun konformi man-necessitajiet procedurali imposti mil-legislatur.

Fil-fehma tal-Qorti t-talbiet tas-socjeta` attrici ghandhom il-bazi kollha necessarji biex jigu milqugha. L-Awtorita` ssostni li l-proceduri kienu gja hadu l-kors taghhom u ma kienx hemm talba min-naha tas-socjeta` attrici biex jerga' jinstema' mill-gdid il-kaz. Jinghad li jekk hemm il-ligi u kaz ghadu mhux deciz, huwa l-obbligu ta' min qieghed jiddeciedi li jara li l-ligi tigi osservata. Huwa veru li qabel ma giet emendata l-ligi l-Awtorita` kienet qed timxi b'mod tajjeb, izda meta giet emendata l-ligi zdiedu l-obbligi ghall-osservanza ta' smigh xieraq u fil-pubbliku meta jkun hemm qed tigi trattata offiza amministrattiva. Ma jidhirx li mill-ezami tal-process il-kuncetti relativi ghal dawn il-principji gew osservati kompletament. Huwa veru li l-Awtorita` qabel il-11 ta' Lulju 2000 ma kenitx obbligata taghmel hafna affarijiet li fil-fatt kienet xorta wahda taghmilhom biex l-affarijiet jimxu kif huwa deziderabbli f'socjeta` demokratika, u dan anke fi zmien meta l-emendi kienu ghadhom mhux vigenti. L-Awtorita` tirreferi wkoll ghall-Kap 249 artikolu 12 dwar it-tranzitorjeta` tad-dritt, izda fil-fehma ta' din il-Qorti, ghalkemm dawk il-proceduri li kienu saru sal-11 ta' Lulju kienu certament validi xorta wahda kellu jinghata l-fakulta` lis-socjeta` attrici li jew tikkonferma li tistrieh fuq il-provi li kien hemm sa dak l-istadju jew li tigi moghtija l-fakulta` tipprezenta provi ulterjuri. Huwa lampanti fatt, u cioe` li d-decizjoni moghitja mill-Awtorita` fil-mument li nghatat ma kenitx skond id-dettami ta' l-artikolu 41(3) tal-Kap 350, ghax ma osservatx il-garanziji ta' smigh xieraq u fil-pubbliku. Ma kienx hemm avviz ta' akkuza a tenur ta' l-artikolu 41(5) tal-Kap 350 u anqas ma kien hemm informazzjoni moghtija lis-socjeta`

attrici li qed tigi indagata u akkuzata a tenur ta’ l-artikolu 41(8). Naqset ukoll milli tinforma lis-socjeta` attrici li kellha dritt tressaq xhieda biex tiddefendi ruhha kif ukoll id-dritt taghha li tkun assistita minn avukat. Anqas ma kien hemm kontro ezami tal-persuna li ghamlet dikjarazzjonijiet bil-miktub. Jinghad li f’kaz li ligi titbiddel minn dak iz-zmien ta’ l-allegat reat, l-akkuzat ghandu dejjem jigi moghti l-aktar wahda favorevoli.

***D4. It-tielet talba tac-citazzjoni:***

It-tielet talba hija li:

“Tiddikjara u tiddeciedi li l-ghemil ta’ l-Awtorita` jammonta wkoll ghal ksur tal-Kostituzzjoni u tal-Kap 319 dwar il-Konvenzjoni Ewropea, li jaghti lok ghall-hlas ta’ kumpens xieraq, senjatament:

- Id-dritt ghal smigh xieraq minn awtorita` gudikanti indipendenti u imparzjali (Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u Artikolu 6 ta’ l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319);
- Id-dritt ghall-protezzjoni minn diskriminazzjoni (Artikolu 14 ta’ l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319) u
- Id-dritt ghal-liberta` ta’ l-espressjoni (Artikolu 10 ta’ l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319).”

Din il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni ta’ l-Awtorita` li m’ghandhiex tigi permessa azzjoni mista kif qed tippretendi s-socjeta` attrici fejn talbet kemm ir-rimedju ordinarju a tenur ta’ l-artikolu 41(6) ta’ l-Att Dwar ix-Xandir, u fl-istess hin ir-rimedju straordinarju skond il-kostituzzjoni u Konvenzjoni Ewropeja. Anzi jinghad ukoll li ghandha tigi moghtija preferenza lill-azzjoni ordinarja u dan minhabba l-lokuzzjoni uzata fil-premessi u talbiet tac-citazzjoni.

Il-Qorti tirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet **Karmenu Mifsud Bonnici *et* vs Anthony Tabone *nomine et***, Citazz. 296/02TM, deciza mill-Onor. Imhallef Dr. Tonio Mallia fl-24 ta’ Settembru 2002 fejn intqal:

“Fil-kuntest ta’ tilwima lokali, il-Gvern ghandu jkollu opportunita’ juri li ghall-ilmenti partikolari gia’ provda rimedji, u darba dawn jezistu (tant li f’din il-kawza qed jigu

invokati mill-atturi stess) huwa fil-kuntest ta' dawn ir-rimedji li l-ilmenti ghandhom, fl-ewwel lok, jigu mistharga. Min jirrikorri ghal rimedju kostituzzjonali, jrid juri jew li m'ghandux rimedji ordinarji jew li dawn mhux effettivi; f'dan il-kaz l-atturi dan ma wrewhx ghax, fl-ewwel lok, huma stess invokaw rimedji ordinarji u ghax, fit-tieni lok, ghadu ma giex deciz jekk dawk ir-rimedji ordinarji jaghtux rimedju effettiv lill-atturi. Kwindi, f'dan l-istadju, l-istharrig Kostituzzjonali li talbu l-atturi ma jistax jinbeda.

Ghal kull *buon fini*, issir riferenza ukoll ghad-decisjoni tal-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-kawza "**Al Sakalli vs Prim Ministru et**" moghtija fis-7 ta' April, 2000, fejn intqal b'mod enfatiku li l-iskop ta' azzjoni bazata fiq id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem hi biex tinghata rimedju meta ma hemmx rimedju iehor li jista' jinghata taht il-ligi ordinarja. Jekk hemm rimedju taht il-ligi ordinarja ghandu l-ewwel jezawrixxi dawk ir-rimedji qabel ma jitlob rimedju kostituzzjonali (ara wkoll "**Gaffarena vs Kummissarju tal-Pulizija**" deciza mill-istess Qorti fid-29 ta' Ottubru, 1993, u "**McKay vs Kummissarju tal-Pulizija**" deciza min din il-Qorti fis-27 ta' Lulju, 1995).

Din il-Qorti ma taqbilx, lanqas, mas-sottomissjoniji tal-atturi, li hi tista' l-ewwel, tinvestiga r-rimedji ordinarji mitluba, u wara, jekk tara li dawn ma taw ebda rizultat pozittiv, tghaddi, fuq l-istess atti, biex tinvestiga l-materja taht il-kappa tad-Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem. Dan, din il-Qorti, ma thossx li ghandha taghmlu ghax mhux biss il-procedura u l-andament ta' kawza taht l-artikolu 46 (1) tal-Kostituzzjoni huwa koncepit b'mod differenti min dik ghall-kawza ordinarji, izda ukoll ghax il-konvenuti ma humiex l-istess fiz-zewg proceduri u ma jistax, fl-istess kawza, ikollok konvenut li ma jkunx leggitimu kontradittur ghat-talbiet kollha, fis-sens li jkollok konvenut iwiegeb ghal certi talbiet u konvenut iehor iwiegeb ghal talbiet ohra li jipprovdu, kif jammetti l-atturi, ghal rimedji differenti.

Dan, fil-fatt, wassal ghall-ezami tat-tieni u l-hames eccezzjoni tal-konvenut Avukat Generali tar-Repubblika. Ir-rimedju ordinarju li qed jitolbu u jistghu jinghataw l-atturi tista' taghtih biss l-Awtorita' tax-Xandir tramite il-Public

Broadcasting Services Ltd., ghax hi din li ghandha kontroll fuq ix-xandir f'Malta, u din, skond l-art. 118 (8) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, ma tista' tiehu direttivi minghand ebda persuna jew awtorita'. Il-bilanc fix-xandir, li hi l-bazi tal-ilmenti kollha tal-atturi, hi prerogattiva ta' l-Awtorita'. L-ilment ta' l-atturi, fi ftit kliem, huwa li huma bhala Organizazzjoni, mhux qed jinghataw il-fakolta jikkontestaw dak li qed jixxandar mill-M.I.C. fuq il-Public Broadcasting Services; mhux qed jghidu li huma mhux qed jithallew jesprimu u jxandru l-veduti taghhom, izda qed jilmentaw li mhux qed jinghataw l-istess facilita' bhall-M.I.C. biex ixandru l-veduti taghhom fuq ix-xandir pubbliku. Dan hu ilment li jidhol fil-funzjoni awtonoma ta' l-Awtorita' tax-Xandir, u hu r-rifjut tal-Awtorita' li toffri l-istess facilita' li qed tigi attakkata mill-atturi, u ghal din l-azzjoni ghandha twiegeb l-Awtorita' u hadd aktar. Fi kliem iehor, l-atturi mhux qed jilmentaw minn diskriminazzjoni jew soppressjoni ghall-liberta' ta' espressjoni taghhom *in vacuum*, izda fil-kuntest tal-facilitajiet moghtija lill-M.I.C., u l-bilanc li ghandu jipprevali fuq ix-xandir pubbliku. Biex tara li ghandu jkun hemm dan il-bilanc, hemm l-Awtorita' tax-Xandir u mhux il-Gvern.

L-atturi allegaw, fit-trattazzjoni ta' dawn l-eccezzjonijiet, li l-Gvern ghandu interess fil-kawza ghax huma se jressqu provi biex juru li l-awtorita' aggixxiet, f'dan il-kaz, bhala agenzija diretta tal-Gvern u skond id-dettat u d-direttivi tal-Gvern. Din l-allegazzjoni, pero', ma tfissirx li l-Gvern ghandu jkun parti fil-kawza. Jekk jirrizulta li l-Awtorita' imxiet fuq direttivi li irceviet mill-Gvern, dan jista' jwassal ghad-decizjoni ta' l-istess Awtorita' tkun annullata ghax ma tkunx ittiehdet "mill-Awtorita' jew ghax ittiehdet "*for the wrong reasons*" jew wara li hadu in konsiderazzjoni cirkustanzi li ma kellhomx jiehdu. Ghal dan l-agir, pero', trid twiegeb l-Awtorita' u fil-waqt li l-Gvern ikun irid jerfa' r-responsabbilita' politika tieghu jekk dan jirrizulta, ir-responsabbilita' legali tintefa fuq l-Awtorita', li naqset mid-doveri taghha, u mhux fuq il-Gvern. Dan l-indagini hu wiehed amministrattiv li tista' taghmel din il-Qorti fil-kors tal-ezami tat-talbiet ordinarji mressqa mill-atturi, u dan l-ezami ghandu jsir biss fil-konfront tal-Awtorita' tax-Xandir li wahedha twiegeb ghall-agir taghha.

L-ezami tal-agir tal-Awtorita' tax-Xandir barra mill-kuntest tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, ma jfissirx li dawn id-Drittijiet huma ghal kollox irrilevanti. L-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "**Zammit vs Chairmen Awtorita` tal-Ippjanar**" deciza fil-31 ta' Mejju, 2002, osservat li l-Awtorita' tal-Ippjanar trid timxi, fil-funzjoni taghha, b'mod indiskriminatorju u l-Bord ta' l-Appell tal-istess Awtorita', ghandu l-gurisdizzjoni jezamina allegazzjoni ta' diskriminazzjoni li titressaq quddiemu, u dan fil-kors tal-poteri ta' *review* li hija ghandha. Anke' l-Awtorita' tax-Xandir trid tagixxi b'mod indiskriminatorju, u din il-Qorti tista' u ghandha l-jedd tara li l-Awtorita', fil-qadi tal-funzjoni taghha, ma agixxiet b'mod diskriminatorju, altrimenti tkun agixxiet "*for the wrong reasons*" jew "*for the wrong considerations*", f'kull kaz, agir sindikabbli minn din il-Qorti fl-applikazzjoni tar-rimedji ordinarji mitluba.

Illi fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet premessi, mhux se jkun hemm lok li tigi deciza l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Avukat Generali.

Illi ghalkemm il-fuq notati kunsiderazzjonijiet jistghu iwasslu ghan-nullita' ta' din ic-citazzjoni, fid-dawl tal-prattika ta' dawn il-Qorti li, kemm jista' jkun, issalva dak li hu salvabbli, din il-Qorti mhux se twassal l-argumenti taghha ghall-konkluzjoni estrema taghhom, u minflok se twaqqa l-kawza sa fejn gie mitlub rimedju straordinarju taht l-artikolu 41 u 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u zzom ferm il-kawza sa fejn qed jintalab rimedju ordinarju skond il-ligijiet l-ohra tal-pajjiz.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti qieghda, fl-ewwel lok, tilqa' r-raba eccezzjoni tal-konvenut Avukat Generali u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-ewwel talba tal-atturi, tilqa' t-tieni u l-hames eccezzjoni tal-istess konvenut u b'hekk tillibera lill-konvenut Avukat Generali tar-Repubblika mill-osseravnza tal-gudizzju, u tordna l-prosegwiment tal-kawza sabiex jigu trattati u eventwlment decizi it-talbiet attrici minn numru tnejn sa numru sitta."

Din il-Qorti kif presjeduta tikkondividi l-istess linja li tissepara l-azzjoni ordinarja minn dik straordinarja u li f'kazijiet bhal dawn tillimita ruhha biss ghall-azzjoni ordinarja.

***<u>D5. Ir-raba' talba:</u>***

Hemm it-talba tas-socjeta` li tigi rimborsata s-somma ta' Lm600 mhallsa minnha lill-Awtorita`. Huwa logiku li la l-ligi timponi l-obbligu li wiehed jobdi u jhallas, in segwitu, wara li jikkontesta u jagixxi gudizzjarjament, jekk jigi ippruvat li kellu ragun ghandu jigi rimborsat. Il-punt mhux kif prezentat mill-Awtorita` li hi mxiet kif deherilha li ghandu jkun fl-interessi tat-tfal meta iccensurat il-programm u li irreka dannu lit-tfal. Il-punt ta' korruzzjoni ta' minorenni kieku stess applikabbli u l-prezenza ta' tfal fl-*istudio*, anke jekk wiehed jaqbel ma' dak li thoss l-Awtorita` huwa totalment irrelevanti ghax hawn qed nitkellmu mhux jekk is-socjeta` attrici kenitx fit-tajjeb meta ipprezentat programm fil-prezenza ta' minorenni b'referenzi espliciti dwar sess orali (li jista' jkun li ma kellux jigi prezentat, u dwar dan il-Qorti mhux sejra tesprimi ebda opinjoni ghax jezorbita mit-talbiet odjerni) izda jekk proceduralment l-Awtorita` kenitx korretta meta imxiet bil-procedura li fil-fatt imxiet biha. Ghalhekk ir-rimbors hija konsegwenza logika.

***<u>D6. Il-hames talba:</u>***

Din tirreferi ghal ordni ta' hlas ta' kumpens xieraq lis-socjeta` attrici ghall-ksur tal-Kostituzzjoni tal-Kap 319. Minhabba dak li nghad f'"D4", din ma tistax tigi milqugha.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

1. Illi ghalhekk, wara li tikkonferma dak li nghad f'"D3" hawn fuq, tichad l-eccezzjoni numru 8 ghaliex ovvjament irrizulta li d-decizjoni ma kenitx wahda fil-limiti tal-poteri taghha.

2. Tichad l-eccezzjoni numru 9 li l-Awtorita` ma setghetx timxi mal-artikolu 41 tal-Kap 350 ghall-istess raguni espressa f'"D3", u dan minhabba li hu irrelevanti li kienu bdew il-proceduri ghax fil-fatt il-proceduri kienu ghadhom ghaddejin meta dahal fis-sehh l-artikolu 41.

3. Dwar l-ghaxar eccezzjoni u smigh xieraq, l-istazzjon kien qed jigi moghti smigh xieraq fil-kors tas-smigh izda minhabba l-emenda fil-ligi, fil-mument tad-decizjoni s-smigh xieraq ma kienx ghadu jissussisti u ghalhekk tichad din l-eccezzjoni.

4. Dwar il-hdax-il eccezzjoni dwar li l-Awtorita` ma agixxietx b'mod diskriminatorju, din hija milqugha u ma sarux provi sufficjenti li jippruvawha.

5. Dwar it-tnax-il eccezzjoni, tilqa' din l-eccezzjoni wkoll ghax kif kienu l-fatti mhux il-kaz li l-Awtorita` agixxiet ta' prosekutur u gudikant fl-istess hin.

6. Dwar it-tlettax-il eccezzjoni, din mhix propju eccezzjoni izda stqarrija ta' fatti u ghalhekk din il-Qorti m'ghandhiex x'tilqa' jew tichad.

7. Dwar l-erbatax-il eccezzjoni, minhabba dak li nghad taht "D3" hawn fuq, din hija michuda.

8. Dwar l-ewwel talba, minhabba dak li nghad f'"D3" hawn fuq, il-Qorti tilqaghha u tiddikjara u tiddeciedi li l-Awtorita` tax-Xandir naqset li taghti lis-socjeta` attrici PBS Limited smigh xieraq, u dan bi vjolazzjoni ta' l-artikolu 41(3) tal-Kap 350.

9. Dwar it-tieni talba, minhabba dak li nghad taht "D3" hawn fuq, tiddikjara u tiddeciedi li l-ghemil ta' l-Awtorita` huwa *ultra vires* peress illi naqset milli tosserva n-necessitajiet procedurali mandatorji imposti mill-Kostituzzjoni u mill-Kap 319 kemm fit-twettiq ta' l-ghemil amministrattiv kif ukoll fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-ghemil.

10. Dwar it-tielet talba, din hija michuda.

11. Dwar ir-raba' talba, il-Qorti tordna lill-Awtorita` tax-Xandir tirrifondi s-somma ta' Lm600, ossija €1397.62 lis-socjeta` attrici.

12. Dwar il-hames talba, din hija michuda.

Spejjez (hlief ghal dak kif provvdut fl-ewwel sentenza tal-21 ta’ Novembru 2002), zewg terzi (2/3) ghall-Awtorita` tax-Xandir u terz (1/3) ghas-socjeta` attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------